MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 10/2007/1

**Francis Said u ghal kull interess li jista' jkollha martu Enoe Said**

**v.**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**
**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell tar-rikorrent Francis Said minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-18 ta' Gunju 2008 dwar jekk proceduri gudizzjarji civili istitwiti minnu

kontra Joseph Gatt kisrux id-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli.

**Il-fatti**

**2.** Il-fatti principali ta' din il-kawza huma s-segwenti:-

1. Ir-rikorrent kien inkariga, permezz ta' martu Enoe, lil Joseph Gatt sabiex jindura katina tad-deheb antika tal-Granspinat, u Joseph Gatt accetta dan l-inkarigu.
2. Inholoq disgwid bejn il-partijiet, u fis-17 ta' Lulju 1973, ir-rikorrent ipprezenta citazzjoni kontra Joseph Gatt, liema proceduri jgibu n-numru 629/73, permezz ta' liema huwa talab lill-allura Qorti tal-Kummerc tal-Maesta Taghha r-Regina, tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni li gew kagunati fl-istess katina meta kienet fdata f'idejh sabiex jezegwixxi l-imsemmi inkarigu, u sussegwentement tillikwida d-danni u tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni hekk kagjonati lill-attur.
3. B'nota pprezentata fit-2 ta' Novembru 1973, il-konvenut eccepixxa illi t-talbiet attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-katina in kwistjoni kienet diga` fi stat danneggjat, u ghalkemm l-eccipjent ghamel dak kollu li seta' biex isalvaha xorta ma rnexxielux.
4. Il-kawza giet appuntata ghas-smiegh l-ewwel darba ghas-seduta tat-23 ta' Ottubru 1973, meta l-Qorti tal-Kummerc hatret lill-Avukat (illum Imhallef) Dottor Lino Agius bhala perit legali u lil Tarcisio Giordano bhala perit tekniku, u l-kawza thalliet ghar-rapport ta' l-istess.
5. Il-Perit Legali zamm diversi seduti u fis-seduta tad-29 ta' Mejju 1974, ir-rikorrent (attur f'dik il-kawza) iddikjara l-provi tieghu maghluqa, dan salv xhieda rigwardanti l-valur ta' l-istess katina tad-deheb.
6. Fil-11 ta' Frar 1974, il-Perit Legali talab is-sostituzzjoni tal-Perit Tekniku Tarcisio Giordano, u dan peress illi l-istess Giordano kien esprima opinjoni fir-rigward tal-katina tad-deheb mertu tal-kawza, u minflok gie appuntat Paul Cassar.
7. Peress illi fil-frattemp ma sar xejn u l-kawza baqghet dejjem ghar-rapport, il-Qorti tal-Kummerc, permezz ta' digriet tas-27 ta' Mejju 1975, ordnat lill-Perit Legali jzomm zewg seduti fil-11 u fit-18 ta' Gunju 1975 u ordnatlu *"jigbor*

*ix-xhieda tal-konvenut u tax-xhieda tieghu u tawtorizzah izomm is-seduta anke fl-assenza tal-partijiet u tordnalu jipprezenta r-relazzjoni fuq il-provi li jkun gabar.”*

8. Fis-26 ta’ Mejju 1976, il-partijiet ghamlu verbal quddiem il-perit legali Dr. Lino Agius li ma kellhomx provi aktar, u awtorizzaw lill-istess perit legali jghaddi ghar-relazzjoni.

9. Il-kawza baqghet ghar-relazzjoni sat-22 ta’ Gunju 1977 meta giet mitluba s-sostituzzjoni tal-Perit Legali Dottor Lino Agius u dan peress illi huwa kien gie mahtur bhala Magistrat, u permezz ta’ digriet ta’ l-istess data l-Qorti hatret bhala Perit Legali lill-Avukat Dottor Austin Gatt.

10. Fis-seduta tas-6 ta’ Dicembru 1978, il-Qorti ordnat lill-attur jaghmel dak mehtieg in segwitu ghar-rikors tieghu stess tat-28 ta’ Gunju 1977, u dan stante li l-attur kien talab lill-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digriet ta’ sostituzzjoni tal-Perit Legali u tawtorizza lill-Magistrat Dr. Lino Agius jikkonferma r-relazzjoni tieghu fir-Registru.

11. Sal-11 ta’ Gunju 1982, u cioe` ghal hames snin shah, din il-kawza baqghet ghall-istess skop, u cioe` sabiex il-Magistrat Dr. Lino Agius, li fil-frattemp gie elevat ghal Imhallef, jipprezenta r-relazzjoni tieghu;

12. Peress illi din ir-relazzjoni baqghet ma gietx ipprezentata, fil-11 ta’ Gunju 1982, il-Qorti hatret bhala Perit Legali lil Avukat Dottor Aldo Vella; madanakollu l-ebda seduti ma saru u ebda relazzjoni ma giet ipprezentata mill-Perit Legali u fl-14 ta’ Marzu 1989, l-Avukat Dottor Aldo Vella talab is-sostituzzjoni tieghu minhabba “pressjoni ta’ xoghol”.

13. Minkejja diversi ordnijiet sabiex il-process jigi ritornat, l-istess process kien ghadu ma giex hekk ritornat sal-25 ta’ Gunju 1990.

14. Fis-seduta ta’ l-10 ta’ Jannar 1992, il-Qorti tal-Kummerc halliet din il-kawza ghat-trattazzjoni finali, izda fit-3 ta’ April 1992, il-Qorti ordnat li tinghata informazzjoni kemm dwar isem ta’ persuna sabiex jassistiha teknikament kif ukoll dwar jekk il-katina tad-deheb kienitx ghada fil-pussess ta’ l-allura Imhallef Dottor Lino Agius.

15. Fis-seduta tal-15 ta’ Gunju 1992, il-Qorti nnominat ir-raba’ perit legali u cioe` lill-Avukat Dottor Joseph

Micallef Stafrace, li zamm numru ta’ seduti sal-31 ta’ Ottubru 2000.
16. Fis-seduta ta’ l-14 ta’ Jannar 1994, il-Qorti giet infurmata li l-katina tad-deheb insterqet mis-*safe* tal-Qorti, u b’hekk gie kjamat ir-Registratur tal-Qorti, u din ma kienitx l-ewwel darba li dan l-istess barbazzal safa mitluf u ghalhekk oggett ta’ dewmien u tfixxija da parti tar-Registratur tal-Qorti u l-Perit Legali;
17. Fis-seduti mizmuma bejn Gunju 2001 u Mejju 2003, il-Qorti semghet xhieda prodotti mill-konvenut u fis-7 ta’ Mejju 2003, il-kawza giet differita ghas-sentenza.
18. Il-Prim’Awla tal-Qorti Civili (li issa kienet assumiet ix-xoghol ta’ dik li kienet il-Qorti tal-Kummerc) iddecidiet il-kawza permezz ta’ sentenza moghtija fil-31 ta’ Ottubru 2003.
19. Ir-rikorrent Francis Said hassu aggravat bis-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili, u intavola appell minn din is-sentenza, liema appell gie deciz permezz ta’ sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell ta’ l-1 ta’ Dicembru 2006.
20. Ghalhekk jirrizulta li dawn il-proceduri damu pendenti ghal aktar minn 33 sena sakemm il-meritu ghadda in gudikat, u 30 sena minnhom quddiem il-Qorti tal-Kummerc u l-Prim’Awla tal-Qorti Civili. Jirrizulta wkoll illi l-ebda rapport peritali ma gie prezentat minkejja li fil-mori tal-proceduri nhatru diversi periti, kemm legali kif ukoll teknici.

**Talbiet u eccezzjonijiet**

**3.** Ir-rikorrenti Francis u Enoe Said talbu lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (fil-kompetenza kostituzzjonali taghha):

1. tiddikjara u tiddeciedi illi fil-proceduri fl-ismijiet *Francis Said v. Joseph Gatt u b’digriet tat-3 ta’ Gunju 1994 gie kjamat fil-kawza r-Registratur tal-Qorti* bin-numru 629/73 intavolati fis-17 ta’ Lulju 1973 u decizi mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta’ Dicembru 2006 u mill-Qorti ta’ l-Appell fl-1 ta’ Dicembru 2006 gew lezi d-drittijiet fundamentali taghhom jew min minnhom ghal smigh xieraq minn Qorti indipendenti u mparzjali fi zmien ragonevoli;

2. tiddikjara u tiddeciedi konsegwentement illi sehhet vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

3. taghti rimedju effettiv u opportun fic-cirkostanzi, nkluz izda mhux biss, kumpens pekunjarju.

**4.** Fir-risposta tieghu, prezentata fl-1 ta’ Marzu 2007, l-Avukat Generali eccepixxa:

“Preliminarjament, illi l-Avukat Generali gie mharrek inutilment stante li l-ilmenti tar-rikorrent huma specifici u ghaldaqstant ai termini ta’ l-artikolu 181B(2) iridu jigu indirizzati kontra l-Kap ta’ Dipartiment involut. Difatti skond l-imsemmi artikolu:

*““L-Avukat Generali jirraprezenta lill-Gvern f’dawk l-atti u azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern.”*

“Subordinatament illi t-talbiet tar-rikorrenti ma jistghux jintlaqghu stante li ma sehh ebda ksur ta’ l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew ta’ l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u dan peress li d-dewmien li minnu qeghdin jilmentaw – u li minhabba fih qed jallegaw nuqqas ta’ smiegh xieraq – ma sehhx htija ta’ l-esponent izda principalment tort tal-partijiet inkluzi l-istess rikorrenti.”

**5.** Fis-seduta tat-2 ta’ April 2007, l-Avukat Generali iddikjara li qed jirrinunzja ghall-ewwel eccezzjoni.[1]

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

**6.** B’sentenza tat-18 ta’ Gunju 2008, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili waslet ghas-segwenti konkluzjonijiet dwar il-vertenza:

---

[1] Ara fol. 30 tal-process in prim’istanza.

**1. id-dewmien kien wiehed esagerat fil-kaz in ezami ghalkemm kien hemm diffikultajiet marbutin kemm mal-fatt ta' l-espert tekniku kif ukoll mal-hatra ta' l-esperti legali ghall-pozizzjonijiet ohra** *(sic!)***;**
**2. certament ir-rikorrent ikkontribwixxa sostanzjalment ghal dan id-dewmien billi ma kienx prezenti f'xi seduti, biddel il-konsulenti legali, talab ir-revoka** ***contrario imperio*** **ta' digriet ta' nomina ta' perit legali alternattiv;**
**3. pero` l-awtoritajiet ta' l-Istat kienu wkoll sostanzjalment responsabbli ghal dewmien esagerat biex gie deciz il-kaz quddiem il-Prim'Awla u dan taht id-diversi aspetti, inkluz li gie permess lill-intimat** *(sic!)* **li jtawwal inutilment il-process quddiem il-Qorti;**
**4. kawza ta' dan kollu fil-konfront tar-rikorrent gew vjolati d-drittijiet fundamentali tieghu minhabba nuqqas ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli kif mitlub mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;**
**5. fil-kaz in ezami ma kienx jirrigwarda xi process kriminali jew wiehed restrittiv tal-liberta personali u anqas ma affettwa senjatament il-livell ta' hajja tar-rikorrent;**
**6. ir-rikorrent jisthoqqlu kumpens meta jitqiesu c-cirkostanzi kollha fuq imsemmija ta' €2000.**

**7.** Ghalhekk il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ikkundannat lill-intimat Avukat Generali jhallas din is-somma, filwaqt li l-ispejjez tal-kawza kellhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.

**8.** L-Ewwel Qorti waslet ghal dawn il-konkluzjonijiet wara li ikkunsidrat:

**"KUNSIDERAZZJONIJIET:**

"Gie allegat il-process 629/73 fl-ismijiet **Francis Said vs Avukat Generali** u jidher car li din il-kawza damet ferm aktar zmien milli kellha tiehu. Il-partijiet fil-kaz odjern ghalkemm jaqblu fuq dan ma jaqblux dwar ta' min jahti ghal dan id-dewmien. Dik il-kawza kienet tirrigwarda barbazzal tal-Gran Spinat – oggett maghmul minn metall

prezzjuz u b’xoghol artiggjanali qawwi. Ghalhekk apparti l-ezami ta’ l-aspetti legali kien necessarju r-rapport ta’ espert tekniku. Fil-bidu kien gie nominat bhala espert tekniku Tarcisio Giordano izda minhabba li dan kien lehaq esprima opinjoni dwar dan il-Gran Spinat u anke pprova jirrangah [wara li kien hadu ghandu haten ir-rikorrent] kellu jastjeni.

“Irrizulta li ma seta’ jsir xejn minhabba li l-<u>Avukat tar-rikorrent ma kienx prezenti</u> fit-:
12 ta’ Dicembru, 1974
26 ta’ Frar, 1975
12 ta’ Marzu 1976

“Irrizulta li <u>ma deher hadd</u> mill-partijiet ghas-seduti ta’:
19 ta’ Ottubru, 1976
19 ta’ Jannar 1977
25 ta’ Mejju, 1979
22 ta’ Gunju, 1979
3 ta’ Marzu, 1992

"Irrizulta li l-konvenut biddel l-Avukat tieghu hames darbiet – Dr. Filletti, Dr. Brincat, Dr. Herrera, Dr. J. Buttigieg, Dr. L. Bencini. Interessanti hawnhekk dak li qal ix-xhud li semma li dak li kien qed jixhed fuqu qalu xi tmien darbiet ghax kull darba jitfacca avukat gdid [fol 365].

“Irizulta li meta l-Perit Legali Dr. Lino Agius kien inhatar Magistrat, il-Qorti innominat lil Dr. Austin Gatt izda r-rikorrent kien oppona ghan-nomina ta’ Perit gdid. Izda l-Magistrat Agius ma kienx ghadu f’pozizzjoni li jesplika l-inkarigu. Sfortunatament il-Perit Tekniku Paul Cassar lehaq miet qabel ma sehhlu jirredigi r-rapport u jahilfu, u b’hekk il-Qorti ma kellhiex rapport tekniku. Kien hemm ukoll l-allegazzjonijiet mill-konvenuti li l-barbazzal lehaq intmiss minn terza persuna; u fl-1993 / 1994 dan gie misruq – incident li ma jidhirx li kien responsabbli ghalih ir-Registratur tal-Qorti. Kawza tas-serq l-oggett ***de quo*** ma kienx ghad-disposizzjoni tal-Qorti. Il-konvenut Gatt kien talab li jigi mdahhal fil-kawza r-Registratur b’konsegwenza ta’ aktar dewmien.

"Il-Qorti tosserva wkoll li minn analizi ta' gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja (f'kazijiet mhux ta' natura kriminali) l-istat jigi meqjus responsabbli ghad-dewmien fil-kazijiet li gejjin:
a. jekk ikun hemm dewmien fit-twettiq ta' xoghol ta' rutina fir-registru tal-Qorti;
b. jekk il-Qorti ddum minghajr raguni valida biex tisma' l-kaz;
c. jekk l-istat idum sabiex jipprezenta x-xhieda tieghu f'kazijiet fejn l-istat ikun parti;
d. jekk ikun hemm dewmien stante aggornament ta' kawza sakemm tinstema' kawza ohra, u l-procedura f'din l-ahhar kawza tkun hi nfisha afflitta minn dewmien ta' xi wiehed minn dawn it-tipi msemmija;
e. minhabba f'dewmien li jkun gej min-nuqqas ta' ko-ordinazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi differenti.

"Biex jigi determinat jekk smigh sarx fi zmien ragjonevoli kif mitlub fl-artikoli 39(2) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wiehed irid jara:
1. in-natura jew komplessita` tal-kaz in kwistjoni;
2. kondotta tal-partijiet fil-kawza;
3. il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita` gudizzjarja stess.

"Ir-rikorrenti jsostni li d-dewmien ma kien bl-ebda mod dovut ghall-agir tieghu ghax anzi huwa kellu kull interess li l-proceduri jigu mismugha u decizi minghajr dewmien zejjed. Sostna li sad-29 ta' Mejju 1974 kien ressaq il-provi tieghu kollha u ddikjara l-istess provi maghluqa salv ghall-provi rigwardanti l-valur ta' l-istess barbazzal. Jigi rilevat li l-Qorti kienet ordnat li jingabru l-provi tal-konvenut sakemm il-perit tekniku jespleta l-inkarigu tieghu. Irrizulta li l-perit legali li kien gie nominat biex jissostitwixxi lill-perit legali originali u cioe` Dr. Austin Gatt flok Dr. Lino Agius dam hames differimenti biex jigi nfurmat bl-inkarigu izda li minhabba li Dr. Lino Agius fit-22 ta' Gunju 1977 kien iddikjara li r-relazzjoni tieghu kienet giet imhejjija minnu r-rikorrent kien talab li jibqa' Dr. Lino Agius. Eventwalment kien gie nominat Dr. Aldo Vella fl-1982 u kien biss fl-1989 li dan ta' l-ahhar talab is-sostituzzjoni tieghu minhabba pressjoni ta' xoghol, wara 20 differiment fuq medda ta' kwazi 7 snin, b'kollox stagnat, u li ebda seduta ma

nzammet f'dan il-perjodu u Dr. Vella dam mill-14 ta' Marzu 1989 sal-25 ta' Gunju 1990 biex irritorna l-inkartament. Ir-rikorrent irrileva wkoll li ghalkemm fl-1992 il-kawza thalliet ghat-trattazzjoni finali, xorta wahda kienet ordnat li jkollha informazzjoni dwar l-aspetti teknici involuti. Gie prezentat affidavit tal-konvenut fid-9 ta' April 1992, kwazi 20 sena wara l-istituzzjoni tal-kawza. F'dan l-istadju Dr. Joseph Micallef Stafrace zamm hames seduti fuq medda ta' cirka sena wara li gie nominat f'Gunju 1992, u l-Qorti ghalkemm kienet hatret perit legali, xorta wahda semghet xhieda prodotti mill-konvenut fil-11 ta' Gunju 2001, u regghet semghet xhieda ohra mill-Qorti diversament presjeduta fis-7 ta' Mejju 2003.

"Il-Qorti ezaminat il-process originali u jrid jinghad li ma hux wiehed ta' xi diffikultajiet legali specjali. Kien hemm il-problema ta' l-aspett tekniku ghalkemm finalment il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza minghajr dan ir-rapport. Dan iwassal li din il-Qorti jkollha bil-fors tqis li din il-kawza damet ghal zmien twil b'mod esagerat quddiem il-Prim'Awla. Ir-rikorrent jilmenta li damet ghal zmien twil ukoll quddiem il-Qorti ta' l-Appell ghax damet tlitt snin u jghid li dan huwa zmien irragonevoli ma' liema sottomissjoni din il-Qorti ma taqbilx. Din ma kenitx xi kawza li kellha tinghata preferenza fuq kawzi ohra.

"L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jghid:

**39.** (1) Kull meta xi hadd ikun akkuzat b'reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi.

"Inoltre l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem jghid:

"(1) Fid-decizzjoni tad-drittijiet Civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz

mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'socjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew safejn ikun rigorozament mehtieg fil-fehma tal-qorti f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicità tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja."

"Certament hemm diversi aspetti li jridu jigu kunsidrati biex wiehed jezamina l-aspett ta' dewmien ghax id-dewmien ipoggi fil-periklu l-effettivita` u l-kredibilita` tal-gustizzja (ara **H. vs France**, Qorti, 24 ta' Ottubru 1989). Fil-kawza **George Xuereb vs Registratur tal-Qorti et** deciza fit-8 ta' Novembru 2004 mill-Qorti Kostituzzjonali nghad:

""Huwa pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smigh ta' process eccediex il-parametri tas-smigh fi zmien ragjonevoli huwa l-komplesstia` tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir ta' l-awtorita` jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-kaz l-agir ta' awtorita` gudizzjarja..."

"Fis-sentenza hawn fuq imsemmija izda ta' l-Ewwel Qorti ntqal:

""jibqa' l-fatt li parti mill-funzjonijiet u doveri ta' kull gudikant hu propju li jara w jassigura li x-xoghol assenjat lilu jimxi b'mod normali w ragjonevoli. Hu ghandu jara li kawzi quddiemu jigu decizi bi speditezza w fi zmien ragjonevoli, u li ma jhallix numru ta' kawzi jakkumulawlu inutilment. Hu minnu li f'din il-funzjoni ta' qadi tad-dmirijiet ta' kull gudikant, wiehed ghandu wkoll jikkunsidra c-cirkostanzi li fihom dak il-gudikant ikun qed jahdem, bhalma hi c-cirkostanza tan-numru ta' kawzi assenjati lilu, in-numru ta' gudikanti li qeghdin hemm biex ilahhqu man-numru ta' kawzi pendenti w ohrajn li jigi introdotti, l-infrastruttura necessarja li l-Istat obbligat li jipprovdi lil kull gudikant sabiex dan jaqdi din il-funzjoni tieghu bl-aktar mod adegwat, eccetera. Pero`, huma x'inhuma dawn ic-cirkostanzi, hu dejjem mistenni minn kull gudikant, prezunt

professjonist responsabbli li jaf sewwa x'inhuma d-doveri tieghu, li dan ghandu jkun jaf x'sistema ghandu juza biex jiddisponi mill-kawzi assenjati lilu bl-ahjar mod possibbli w bi speditezza ragjonevoli, u dan irrespettivament min-numru ta' kawzi li ghandu w n-natura taghhom … U ghalkemm hu evidenti li l-intimata kkontribwiet sostanzjalment ghad-dewmien imsemmi, dan meta dik il-Qorti ma hadet ebda pass kontriha biex din ma taghmilx hekk, jew ma hadet ebda pass iehor li dehrilha li kellha tiehu biex ma jkunx hemm dan id-dewmien"

"Din il-Qorti naturalment trid toqghod attenta li taghmilha cara li r-responsabbilta` ta' kull gudikant tiddependi mill-kwalita` u numru ta' xoghol assenjat lilha kif ukoll l-i***staff*** u mezzi ohra disponibbli ghaliha.  Izda l-Istat xorta jkun responsabbli li jekk fl-assenjazzjoni tad-doveri jew ***staff*** jew mezzi ohra jkun irrenda impossibbli li l-processi jinqatghu fi zmien ragjonevoli.

"Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo sive Charles Ellul Sullivan** ta' l-24 ta' Jannar 1991, il-Qorti Kostituzzjoni rriteniet illi:

"Mhux facli li jigu stabbiliti kriterji fissi u rigidi. Hemm diversi cirkostanzi li jridu jigu kkunsidrati, biex il-Qorti finalment tasal biex diskrezzjonalment — tiddeciedi jekk zmien ragonevoli li fih il-procediment partikolari ghandu jisvolgi — giex rispettat jew le certament, filwaqt li huwa car illi kull kawza partikolari tiddetta skala ta' zmien li fih ragonevolment ghandha tizvolgi billi tigi trattata u deciza, daqstant iehor huwa car li hemm minimu u massimu f'dik l-iskala, u l-eccess oltre l-massimu jilledi d-dritt fundamentali ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja fi zmien ragonevoli"

"Kif intqal fis-sentenza tal-Qorti Ewropeja, **Bucholz vs Germany** 7759/77:

""the Convention places a duty on the Contracting States to organise their legal systems so as to allow the courts to comply with the requirements of Article 6 par. 1 (art. 6-1), including that of trial within a "reasonable time".

Nonetheless, a temporary backlog of business does not involve liability on the part of the Contracting States provided they have taken reasonably prompt remedial action to deal with an exceptional situation of this kind”

“Ukoll fis-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Yasar vs Turkey** intqal:

““the Court considers that the domestic court could have applied stricter measures to speed up the proceedings. It therefore finds that the proceedings in the instant case were unnecessarily prolonged as the national court failed to act with the necessary diligence.”

“Interessanti huwa dak li nghad fis-sentenza tal-15 ta’ Mejju 2003 fil-kawza fl-ismijiet **Nazzareno sive Reno Zarb vs Avukat Generali** mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali):

““ghandha ssir distinzjoni bejn process kriminali u dak civili, ghax fejn liberta` jew il-gieh tal-persuna jkunu ***in issue***, hu importanti li l-kwistjoni ma titwalx aktar milli hu necessarju, u filwaqt li fil-process civili, wiehed jista’ jaccetta certu dewmien, dan m’ghandux ikun permess meta hemm imdendla kontra persuna akkuza ta’ natura kriminali. Ovvjament, kollox hu relattiv u kollox ghandu jitqies fil-kuntest tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz li jistghu jwasslu ghar-ragonevolezza taz-zmien li ttiehed biex jigi determinat il-kaz in kwistjoni.”

“Ara wkoll f’dan is-sens decizjoni ta’ din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **Joseph Attard vs Avukat Generali** deciza fit-8 ta’ Gunju 2000, rikors numru 624/97 fejn inghad:

““Biex jigi determinat jekk kienx hemm dewmien irragonevoli kull kaz irid jigi studjat fuq il-mertu tieghu u d-decizzjonijiet ta’ Strasbourg huma indikattivi u mhux konkluzivi. F’Harris, Boyle & Warbrich, Law of the European Convention on Human rights, 1995, p 228 insibu: “Although consistently acting on the basis that each case must be considered on its facts, so that there is

no objective limit to the length of time that can be taken, in all cases which have taken over eight years or more, the court has in fact always found a breach of Art. 6 (1). Iz-zmien jibda jiddekorri minn meta l-akkuzat ikun rinfaccjat b'cirkostanzi tali li "substantially affect the situation of the suspect". Normalment dan jirriferixxi ghall-mument meta persuna tkun infurmata dwar ir-reat li fuqu qedgha tigi investigata jew minn meta tigi arrestata. Mhix rilevanti d-data ta' meta sar r-reat, jew meta ssir l-inkjesta magisterjali. Il-gurisprudenza stabbilit tlitt kriterji principali indikattivi tar-ragonevolezza ta' dan it-tul taz-zmien:

- Il-komplessita` tal-kaz;
- Il-mod kif il-proceduri kriminali gew kondotti mill-Qorti; hawn wiehed irid iqis il-kwantita' enormi ta' xoghol li jinsabu mghaffsa bih il-Qrati taghna, u l-fatt li ghandha tinghata precedenza lil min qieghed taht arrest preventiv; izda il-piz enormi tax-xoghol fuq il-Qorti, u l-fatt li l-Qorti ppruvat taghmel dak li hu umanament possibli ma jwassalx ghal gustifikazzjoni ta' dewmien irragonevoli li kull akkuzat ma ghandux ibaghti;
- Il-kondotta tal-applikant – hawn irid jinghad li ghalkemm b'rizultat ta' eccezzjonijiet u mossi tattici akkuzat jista' facilment itawwal il-kors tal-proceduri dawn ma ghandhomx jaffetwaw ir-ragonevolezza tad-dewmien sakemm ma jkunux kapriccuzi jew frivoli, u naturalment fl-istess kriterju ta' dewmien ragjonevoli in-natura ta' dawn l-eccezzjonijiet iridu jittiehdu in konsiderazzjoni."

**<u>L-appell u r-risposta</u>**

**9.** Francis Said hassu aggravat b'din is-sentenza, u permezz ta' rikors prezentat fis-7 ta' Lulju 2008 ipprezenta appell quddiem din il-Qorti. L-aggravji tieghu jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. Skond l-appellant, l-ewwel Qorti kellha tichad interament l-eccezzjoni ta' l-intimat appellat u mhux tilqaghha in parte, stante illi jirrizulta car mill-atti tal-kawza illi huwa, cioe` l-appellant, ma ikkontribwixxa ghal ebda dewmien tal-proceduri, kif erroneament jinghad fis-sentenza appellata.

2. L-appellant jilmenta wkoll mill-ammont ta' kumpens likwidat lilu mill-ewwel Qorti.

**10.** Fir-risposta tieghu ghal dana l-appell, l-Avukat Generali bazikament jghid li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, peress li din ghamlet analizi korretta kemm tal-fatti kif ukoll tal-ligi applikabbli in materja.

**11.** Fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2008 quddiem din il-Qorti – il-Qorti Kostituzzjonali – gie verbalizzat hekk:

*"Dr Pierre Lofaro ghall-appellant jiddikjara illi Francis Said m'huwiex qed jilmenta mid-dewmien quddiem il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza imsemmija fir-rikors promotur izda biss mit-tletin sena li l-kawza damet pendenti quddiem il-prim'istanza u konsegwentement ma hemm l-ebda lok ghall-astensjoni ta' ebda membru ta' din il-Qorti kif illum komposta."* [2]

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

**12.** Il-pern ta' dan l-appell ma huwiex jekk kienx hemm dewmien ingustifikat fil-proceduri in prim'istanza – li minghajr ezitazzjoni ta' xejn din il-Qorti tghid li kien hemm, kif fil-fatt dan gie konfermat ukoll mill-ewwel Qorti – izda dak li din il-Qorti trid tikkunsidra huwa jekk l-appellant Francis Said (attur fil-proceduri originali, cioe` dawk mibdija quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc tal-Maesta` Taghha r-Regina) kienx ikkontribwixxa o meno ghal dan id-dewmien.

**13.** Mill-atti tal-kawza jirrizulta illi:

1. Ic-citazzjoni promotrici kienet gietipprezentata fis-17 ta' Lulju 1973
2. Fid-29 ta' Mejju 1974, l-attur wara li nstemghu l-provi tieghu ddikjara li ma kienx ghad fadallu provi aktar – hlief ghal prova tal-valur ta' l-oggett meritu tal-kawza.

[2] Ara fol. 117 tal-process ta' l-appell.

3. Fl-20 ta’ Gunju 1974 kienu bdew jinstemghu l-provi tal-konvenut.
4. Fis-26 ta’ Mejju 1976, il-partijiet ghamlu verbal quddiem il-perit legali Dr. Lino Agius (illum Onor. Imhallef Lino Agius) li ma kellhomx provi aktar, u awtorizzaw lill-istess perit legali jghaddi ghar-relazzjoni.

**14.** Minkejja dan, il-kawza baqghet tkarkar sal-31 ta’ Ottubru 2003 – u cioe` ghal 27 sena minn meta kienet matura ghas-sentenza – sakemm fl-ahhar giet deciza in prim’istanza.

**15.** L-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni li l-appellant kien sostanzjalment ikkontribwixxa ghal dan id-dewmien ghaliex:

1. ma kienx prezenti ghal xi seduti.
2. biddel il-konsulenti legali tieghu; u
3. talab ir-revoka *contrario imperio* ta’ digriet ta’ nomina ta’ perit legali alternattiv.

Ma hux kontestat li l-avukat ta’ l-appellant (allura attur) ma kienx prezenti fis-seduti mizmuma fit-:
12 ta’ Dicembru 1974
26 ta’ Frar 1975
12 ta’ Marzu 1976

Inoltre, irrizulta li ma deher hadd mill-partijiet ghas-seduti ta’:
19 ta’ Ottubru 1976
19 ta’ Jannar 1977
25 ta’ Mejju 1979
22 ta’ Gunju 1979
3 ta’ Marzu 1992

**16.** Bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, jibda biex jinghad li n-nuqqas ta’ l-appellant u/jew id-difensur tieghu li jidher ghal 8 seduti fuq medda ta’ tletin sena fejn inzammu ghexieren ta’ seduti, hija cirkostanza insinifikanti, u certament fuq dan il-fatt biss ma jistax jinghad li l-appellant ikkontribwixxa sostanzjalment ghad-dewmien tal-proceduri. Dan iktar u iktar meta wiehed jikkunsidra li

fit-tlett okkazjonijiet fejn ma deherx l-avukat difensur ta' l-appellant, l-appellant kien diga` ghalaq il-provi tieghu u l-kawza kienet differita ghall-provi tal-konvenut, u ghalhekk in-nuqqas tal-prezenza ta' l-avukat difensur ta' l-appellant, ma kienx jimpedixxi lill-konvenut milli jressaq il-provi tieghu. Inoltre, id-dati tal-hames seduti li fihom la deher l-appellant u lanqas id-difensur tieghu huma kollha dati wara is-seduta tas-26 ta' Mejju 1976, li fiha l-partijiet ivverbalizzaw quddiem il-perit legali li ma kellhomx provi aktar, u awtorizzaw lill-istess perit legali jghaddi ghar-relazzjoni, u ghalhekk ma jistax jinghad li l-assenza ta' l-appellant u tad-difensur tieghu b'xi mod tawlu l-andament tal-proceduri in ezami. Fil-fatt l-ewwel zewg seduti minn dawn il-hamsa nzammu meta l-kawza kienet differita ghall-presentata tar-relazzjoni tal-perit legali Dr. Lino Agius, li sussegwentement gie elevat ghall-gudikatura, u t-tieni zewg seduti nzammu fi zmien meta l-kawza kienet ukoll differita ghall-istess skop, stante li l-appellant kien talab li minkejja li l-Avukat Agius kien sar Magistrat, huwa ma jigix sostitwit billi l-istess perit legali kien iddikjara fit-22 ta' Gunju 1977 li r-relazzjoni tieghu kienet giet imhejjija minnu.

**17.** Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti li n-nuqqas ta' l-appellant u/jew tad-difensur tieghu li jattendu ghal dawn it-tmin (8) seduti ikkontribwew, sostanzjalment jew mhux sostanzjalment, ghad-dewmien li kien hemm f'dawn il-proceduri.

**18.** It-tieni raguni li tat l-ewwel Qorti ghaliex, skond hi, l-appellant ikkontribwixxa ghad-dewmien hija li huwa biddel id-difensuri tieghu. Jidher li hawnhekk, l-ewwel Qorti inkorriet fi zball ta' fatt. Jirrizulta illi l-appellant biddel lid-difensur tieghu darba wahda biss u ma jirrizultax li dan il-bdil kellu xi konsegwenza fuq l-andament tal-proceduri. Min-naha l-ohra kien l-konvenut Joseph Gatt li biddel lid-difensur tieghu hames darbiet – kif del resto osservat l-ewwel Qorti f'parti preliminari tas-sentenza taghha[3], u konsegwenza ta' dan il-konvenut Gatt harrek lill-istess

[3] A fol. 9 l-ahhar paragrafu tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

xhieda biex jixhdu iktar minn darba, u cioe` kull darba li jbiddel l-avukat.[4] Ghalhekk, kien il-bdil tal-konsulenti legali da parti tal-konvenut Joseph Gatt li, se mai, ikkontribwixxa ghad-dewmien fil-proceduri, u mhux da parti ta' l-appellant.

**19.** It-tielet raguni li tat l-ewwel Qorti ghaliex l-appellant ikkontribwixxa ghad-dewmien kien ghaliex talab ir-revoka *contrario imperio* ta' digriet ta' nomina ta' perit legali alternattiv, meta l-perit legali originali, Dr. Lino Agius, gie elevat ghall-bank tal-gudikatura. Pero` wiehed jista' jifhem illi din it-talba kienet proprju intiza sabiex il-proceduri ma jitwalux inutilment gialadarba, kif anke rilevat fis-sentenza appellata, il-perit legali Dr. Lino Agius kien iddikjara fit-22 ta' Gunju 1977 li r-relazzjoni tieghu kienet giet imhejjija minnu.[5] Ladarba l-perit legali originali kien ghamel din id-dikjarazzjoni, ma kienx jaghmel sens, u ma kienitx haga prattika, li huwa jigi sostitwit. Dan gie konfermat ukoll mill-istess perit legali, illum l-Onorevoli Imhallef Lino Agius fix-xhieda tieghu, fejn qal hekk: *"Sirt Magistrat fit-23.05.77. Jien kont allura perit legali. Billi kont fi stadju avanzat tal-gbir tal-provi id-difensuri ... ... issuggerew li nikkompleta l-inkarigu u l-Imhallef qabel, basta nlesti fi zmien qasir."* [6]

**20.** Issa huwa vera li wara hames snin Dottor Lino Agius kien ghadu ma pprezentax ir-relazzjoni tieghu, tant illi fil-11 ta' Gunju 1982 l-inkarigu tieghu gie revokat u gie sostitwit b'perit legali iehor, u b'hekk *with hindsight* gara li l-proceduri twalu hames snin ghal xejn. Certament, pero`, li l-appellant ma jahti xejn ta' dan in-nuqqas tal-perit legali, u kien id-dover tal-qorti li tissorvelja u tassigura ruhha li l-proceduri ma jkomplux ikarkru inutilment.

**21.** Kif jghidu l-awturi **Van Dijk u Van Hoof**: *"A special duty rests upon the court concerned to see to it that all those who play a role in the proceedings do their utmost to avoid any unnecessary delay. This holds good as well*

---

[4] Ara xhieda ta' Noe Said a fol. 368 tal-process tal-kawza civili. Ir-riferenza ghal fol. 365 fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti (pagna 10 para 1) ghandha tinqara fol. 368.
[5] Ara pagna 11 para 3 tas-sentenza appellata.
[6] Ara xhieda moghtija fil-31 ta' Ottubru 2000 quddiem il-perit legali Dottor Joseph Micallef Stafrace a fol. 239 tal-process fl-ismijiet **Francis Said v. Joseph Gatt et** (Citaz. Nru. 629/73).

*in criminal as in civil cases where the initative in the proceedings in principle may be left to the parties. In the Capuano Case the Italian Government drew attention to the fact that the delays in the proceedings in first instance, which lasted for more than six years, were attributable to the experts, who filed their opinions too late. The Court held the court concerned responsible for the delays in preparing expert opinions in proceedings under the court's supervision."* [7]

**22.** Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti li l-appellant kien b'xi mod ikkontribwixxa ghad-dewmien tal-kawza. Ghall-kompletezza, din il-Qorti zzid tghid illi hija lanqas tista' taqbel mas-sottomissjoni ta' l-appellat fir-risposta ta' l-appell tieghu, li kien id-dover ta' l-appellant bhala attur f'dawk il-proceduri li jiehu hsieb "jixpruna l-proceduri" u li jissollecita lill-periti legali li gew nominati wara Dottor Agius sabiex iwettqu l-inkarigu taghhom. Il-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura taghna ma jhaddanx il-principju illi l-kontendenti ghandhom l-obbligu li jiehdu l-inizzjattiva sabiex il-kawza taghhom timxi il-quddiem, kif jista' jkun l-obbligu taghhom f'gurisdizzjonijiet esteri. Il-partijiet ghandhom l-obbligu li josservaw it-termini imposti mill-Qorti, pero` t-tmexxija tal-proceduri tibqa' f'idejn il-Qorti. Fi kwalunkwe kaz, kif jirrelevaw l-awturi **Harris, Boyle & Warwick:** *"In civil litigation between private parties some municipal legal systems apply the principle that the parties are responsible for the progress of proceedings. This does not, however, absolve the courts from ensuring compliance with the requirements of Article 6 concerning reasonable time; the state must itself take appropriate steps to ensure that proceedings progress speedily. The responsibilities of the applicant in civil cases, <u>whether such a principle applies or not</u>, are only to "show diligence in carrying out the procedural steps relevant to him, to refrain from using delaying tactics and to avail himself of the scope afforded by domestic law for shortening proceedings.""* [8] (enfasi tal-Qorti). Galadarba

[7] **Theory and Practice of the European Convention on Human Rights** 4th edition (2006) pag. 608.
[8] **Law of the European Convention of Human Rights** 1995 pag. 224.

jirrizulta li l-appellant adempixxa ghal dawn l-obbligi tieghu, kien id-dover tal-Qorti li tiehu hsieb "tixpruna l-proceduri". Ghaldaqstant, dan l-aggravju ta' l-appellant huwa gustifikat.

**23.** Nigu issa ghat-tieni aggravju. Ghal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tal-kumpens, jidher li minbarra li l-ewwel Qorti kienet influwenzata mill-konkluzjoni taghha li l-appellant kien ikkontribwixxa sostanzjalment ghad-dewmien, hija kienet influwenzata minn zewg konsiderazzjonijiet ohra taghha, u cioe`:

1. li ghalkemm id-dewmien kien wiehed esagerat, kien hemm diffikultajiet marbutin kemm mal-fatt ta' l-espert tekniku kif ukoll mal-hatra ta' periti legali ghal pozizzjonijiet ohra; u
2. il-kaz in ezami ma kienx jirrigwarda xi process kriminali jew wiehed restrittiv tal-liberta` personali u anqas ma affettwa senjatament il-livell ta' hajja ta' l-appellant.

**24.** Fir-rigward l-ewwel konsiderazzjoni, u cioe` l-allegati d-diffikultajiet li kien hemm marbutin mal-hatra ta' l-espert tekniku u l-hatra ta' periti legali, kif diga` gie osservat aktar 'l fuq f'din is-sentenza, kien jinkombi fuq il-Qorti li tara li l-proceduri jitmexxew kemm jista' jkun malajr, u tiehu kwalunkwe mizura li jidhrilha necessarja ghal dan il-ghan, minghajr in-necessita` li toqghod tistenna li tigi istigata li taghmel dan mill-appellant, jew *del resto* mill-konvenut f'dik il-kawza. Ir-responsabbilita` li s-smiegh ta' kawza isir fi zmien ragonevoli jinkombi kollu kemm hu fuq il-Qorti u fuq hadd izjed, u l-Qorti ma tistax tahrab minn din ir-responsabbilita` billi tinnomina espert tekniku jew perit legali, jew illum il-gurnata assistent gudizzjarju. Meta jsiru tali hatriet, jibqa' l-obbligu tal-Qorti li tassigura ruhha li l-persuni nominati minnha jespletaw l-inkarigu lilhom moghti mill-iktar fis possibbli. Ghaldaqstant, kwalunkwe dewmien fil-kawza odjerna li huwa relatat man-nomina tal-perit tekniku jew mad-diversi periti legali li gew mahtura, huwa attriwibbli ghan-nuqqas tal-Qorti li tissorvelja u tidderiegi l-andament tal-kawza, u m'ghandu jservi ta' l-ebda mitigant fil-likwidazzjoni tal-kumpens (f'dan il-kaz,

kumpens morali jew, kif jinghad fil-Qorti ta’ Steasbourg, *award for non-pecuniary loss*).

**25.** Din il-Qorti anqas ma taqbel mat-tieni konsiderazzjoni ta’ l-ewwel Qorti, u cioe` li fil-kuntest tal-kuncett ta “smiegh fi zmien ragonevoli” ghandha issir xi distinzjoni netta bejn proceduri kriminali u dawk civili. Din id-distinzjoni bejn proceduri kriminali u dawk civili ma nsibuha la fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u z-zewg artikoli jezigu smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, kemm f’kawzi civili kif ukoll f’kawza kriminali. Naturalment kollox hu relattiv, u kollox ghandu jitqies fil-kuntest tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

**26.** L-ewwel Qorti kkonkludiet ukoll li l-proceduri in kwistjoni ma affettwawx senjatament il-livell ta’ hajja ta’ l-appellant. Fl-ewwel lok jigi osservat li la l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jezigu li r-rikorrenti jipprova li d-dewmien tal-proceduri affettwa b’xi mod il-livell ta’ hajja ta’ l-istess rikorrent, ghalkemm ir-rimedju li tista’ taghti l-Prim Awla (kif ukoll din il-Qorti) bhala rimedju ghad-dewmien jista’ jvarja minn semplici dikjarazzjoni ta’ lezjoni, ghal danni morali jew, eccezjonalment, anke ghal danni materjali. Fit-tieni lok, kif josserva tajjeb l-appellant fir-rikors ta’ l-appell tieghu, din il-kawza kienet tikkoncerna barbazzal tal-Granspinat – li kif sewwa osservat l-ewwel Qorti huwa maghmul minn metal prezzjuz u b’xoghol artigjanali qawwi – u dan il-barbazzal kellu wkoll valur sentimentali. Wiehed irid ukoll jikkunsidra in-numru konsiderevoli ta’ drabi li fih l-appellant kellu jattendi l-Qorti matul dawn it-tletin sena li fiha l-kawza damet pendenti in prim’istanza. Is-seduti mizmuma jammontaw ghal cirka mija u hamsin (150) wahda, li minnhom l-appellant jidher li falla biss hamsa! Dan naturalment, oltre d-diversi drabi li l-appellant htieglu jikkomunika ma’ l-avukat difensur tieghu qabel is-seduti. Ghalhekk ma jistax jinghad li din il-kawza ma kellhiex impatt fuq il-hajja ta’ l-appellant matul dawn it-tletin sena.

**27.** Ghaldaqstant, din il-Qorti taqbel ukoll ma’ l-appellant li l-kumpens iffissat mill-ewwel Qorti bhala rimedju m’huwiex

gust u ekwu. Fil-fehma ta'din il-Qorti dan il-kaz kien jimmerita rimedju fil-forma ta' kumpens ta' Euro 6,000.

**Decide**

**28.** Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

1. thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn laqghet in parti biss l-eccezzjoni (it-tieni wahda, ghax l-ewwel wahda giet irtirata) ta' l-Avukat Generali, kif ukoll fejn stabbiliet il-kumpens fis-somma ta' Euro 2,000 u minflok tichad l-eccezzjoni ta' l-Avukat Generali fl-intier taghha u tistabilixxi l-kumpens fis-somma ta' sitt elef ewro (Euro 6,000), liema somma l-appellat Avukat Generali qed jigi kkundannat ihallas lill-appellant Francis Said;
2. thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn gie ordnat li l-ispejjez jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti, u minflok tordna li l-ispejjez ta' l-ewwel istanza jithallsu kollha mill-appellat Avukat Generali; u
3. tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

L-ispejjez ta' dana l-appell jithallsu wkoll mill-appellat Avukat Generali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------